# SEJĦA GĦAS-SOTTOMISSJONI TA' APPLIKAZZJONIJIET GĦALL-AZZJONI TAL-UNJONI "KAPITALI EWROPEA TAL-KULTURA" GĦAS-SENA 2031

Storikament, l-Ewropa kienet hub ta' żvilupp artistiku ta' rikkezza eċċezzjonali u diversità kbira fejn il-bliet Ewropej kellhom rwol importanti fil-formazzjoni u fit-tixrid tal-kultura.

L-azzjoni tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura hija inizjattiva tal-Unjoni Ewropea ggvernata mid-Deċiżjoni Nru 445/2014/UE kif emendata mid-Deċiżjoni (UE) 2017/1545 u mid-Deċiżjoni (UE) 2020/2229[1] għat-titli 2020 sal-2033. Għandha l-għan li tenfasizza r-rikkezza u d-diversità kif ukoll aspetti kulturali komuni fl-Ewropa bit-tir li tikkontribwixxi biex tgħaqqad in-nies Ewropej flimkien u ttejjeb il-fehim komuni.

F'dan l-isfond, l-objettivi ġenerali tal-azzjoni tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura ġew definiti kif ġej: li tissalvagwardja u tippromwovi d-diversità tal-kulturi fl-Ewropa u li tenfasizza l-karatteristiċi komuni li jikkondividu kif ukoll biex iżżid is-sens ta' appartenenza taċ-ċittadini li ġejjin minn żona kulturali komuni, min-naħa waħda, u li trawwem il-kontribut tal-kultura lejn l-iżvilupp fit-tul tal-bliet fuq livell ekonomiku, soċjali u urban, f'konformità mal-istrateġiji u l-prijoritajiet rispettivi tagħhom, min-naħa l-oħra.

F'konformità ma' dawn l-objettivi, l-attivitajiet żviluppati mill-belt li se tiġi nnominata bħala Kapitali Ewropea tal-Kultura se jkunu mmirati lejn l-arrikkiment tal-firxa, id-diversità u d-dimensjoni Ewropea fi ħdan il-kultura tagħha, inkluż permezz tal-kooperazzjoni transnazzjonali; li jkabbru l-aċċess għal u l-parteċipazzjoni fil-kultura; li jsaħħu l-ħiliet fis-settur kulturali u r-rabtiet ta' dan tal-aħħar ma' setturi oħra u li jgħollu l-profil internazzjonali permezz tal-kultura.

F'konformità mal-kalendarju mfassal fl-Anness tad-Deċiżjoni Nru 445/2014/UE kif emendata mid-Deċiżjoni (UE) 2017/1545, it-titlu ta' Kapitali Ewropea tal-Kultura għandu jingħata fl-2031 lil belt waħda f'Malta u oħra fi Spanja.

L-għan ta' din is-sejħa huwa:

- li tiskatta l-applikazzjonijiet minn bliet f'Malta li jixtiequ jiġu nnominati għat-titlu ta' "Kapitali Ewropea tal-Kultura" għas-sena 2031 u
- li twassal għan-nomina ta' waħda minn dawn il-bliet, li tista tingħata l-premju Melina Mercouri, iffinanzjat mill-programm tal-Unjoni rispettiv li jkun qed jappoġġja l-kultura fiż-żmien tal-għoti tal-premju.

Biex tassisti lill-bliet fil-preparazzjoni tal-offerta tagħhom, din is-sejħa tipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-kriterji li se jiġu applikati għall-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet tagħhom f'konformità mal-kriterji stipulati fid-Deċiżjoni Nru 445/2014/UE kif ukoll tagħrif dwar il-proċedura tal-għażla. Fl-Anness 1, il-bliet se jsibu wkoll il-formola ta' applikazzjoni li jridu jimlew biex jissottomettu applikazzjoni.

---

[1] *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ĠU L 132 tat-3 ta' Mejju 2014: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=OJ:L:2014:132:FULL, ĠU L 237 tat-13 ta' Settembru 2017: http://eur-lex.europa.eu/legal- content/MT/TXT/?uri=CELEX:32017D1545 u ĠU L 437 tat 28 ta' Diċembru 2020: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=CELEX:32020D2229.

L-Awtorità Maniġerjali inkarigata mill-proċedura tal-għażla għat-titlu ta' Kapitali Ewropea tal-Kultura għas-sena 2031 f'Malta hija l-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta.

Aktar dettalji dwar l-azzjoni tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura jistgħu jinstabu fuq il-paġni web li ġejjin:

- https://www.vca.gov.mt/
- https://ec.europa.eu/culture/policies/culture-cities-and-regions/european-capitals-culture

## 1. Riżultat tal-proċess tal-għażla

Ir-riżultat tal-proċess tal-għażla tal-azzjoni tal-Unjoni tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura taħt din is-sejħa speċifika huwa maqsum fi tnejn:

- L-għoti tat-titlu ta' Kapitali Ewropea tal-Kultura;
- L-għoti ta' premju ta' EUR 1.5 miljun f'ġieħ Melina Mercouri.

F'dak ir-rigward, din is-sejħa għas-sottomissjoni ta' applikazzjonijiet għandha tinftiehem ukoll bħala r-regoli għall-kompetizzjoni għall-premju Melina Mercouri.

It-titlu u l-premju jingħataw abbażi tal-istess kriterji dettaljati fit-taqsima 2. Il-pagament tal-premju jsir matul it-tħejjija għas-sena tat-titlu u huwa ggvernat u rregolat mir-rekwiżiti stipulati fit-taqsima 5 ta' dan id-dokument.

## 2. Kriterji għan-nomina ta' belt għat-titlu ta' Kapitali Ewropea tal-Kultura u għall-għoti tal-premju Melina Mercouri

### a. Kriterji tal-eliġibbiltà

*Applikanti eliġibbli:*

Din is-sejħa għas-sottomissjoni ta' applikazzjonijiet hija esklussivament indirizzata lill-bliet ta' Malta li jixtiequ japplikaw għat-titlu ta' Kapitali Ewropea tal-Kultura 2031.

It-titlu japplika għal belt. Il-bliet jistgħu jinvolvu liż-żoni tal-madwar tagħhom jekk jixtiequ, imma t-titlu jingħata biss lill-belt innifisha u mhux liż-żona kollha. Għalhekk, fejn belt tinvolvi liż-żona tal-madwar tagħha, l-applikazzjoni għandha ssir taħt l-isem tal-belt.

Kull applikazzjoni għandha tkun ibbażata fuq programm kulturali b'dimensjoni Ewropea b'saħħitha. Il-programm kulturali għandu jkopri s-sena tat-titlu tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura u għandu jinħoloq speċifikament għat-titlu.

Bħala tfakkira, f'każ ta' talba relatata mal-attivitajiet imwettqa fil-qafas tas-sottomissjoni għall-applikazzjonijiet, ir-responsabbiltà unika tal-applikanti tista' tiġi invokata.

*Kriterji formali tal-applikazzjoni:*

Il-bliet kandidati kollha għandhom jimlew il-formola ta' applikazzjoni komuni stabbilita fl-Anness 1. Il-bliet kandidati għandhom jinnotaw li hemm kwestjonarji differenti għal qabel l-għażla u għall-għażla.

Il-bliet kandidati huma mistiedna jikkonformaw mar-rekwiżiti formali li ġejjin meta jabbozzaw l-applikazzjoni tagħhom. Applikazzjonijiet li ma jsegwux dawn ir-rekwiżiti fl-istadji ta' qabel l-għażla jew tal-għażla[2] finali jistgħu jitqiesu bħala ineliġibbli u ma jiġux eżaminati aktar:

- Il-bliet kandidati għandhom jikkomunikaw bil-miktub lill-Awtorità Maniġerjali l-intenzjoni tagħhom li jissottomettu applikazzjoni sa mhux aktar tard minn xahar qabel l-iskadenza speċifikata fit-taqsima 4 hawn taħt "Preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet".

- L-applikazzjoni għandha tinkiteb f'waħda jew aktar mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u waħda mil-lingwi trid tkun l-Ingliż. Jekk ikun hemm aktar minn verżjoni lingwistika waħda, il-verżjonijiet kollha għandhom ikunu identiċi mil-lat tal-kontenut u tal-preżentazzjoni. Il-verżjoni bl-Ingliż tal-applikazzjonijiet se tkun il-verżjoni mħaddma għall-panel stabbilit biex iwettaq il-proċedura tal-għażla.

- Il-bliet kandidati għandhom iwieġbu l-mistoqsijiet kollha elenkati fl-Anness 1.

- Għall-istadju ta' qabel l-għażla, il-verżjoni bl-Ingliż tal-applikazzjonijiet m'għandhiex taqbeż is-60 paġna f'format A4. Għall-istadju tal-għażla finali, il-verżjoni bl-Ingliż tal-applikazzjonijiet m'għandhiex taqbeż il-100 paġna f'format A4. L-applikanti jistgħu jinkludu illustrazzjonijiet, grafika jew kwalunkwe element viżiv ieħor (bħal logos), iżda dawn huma inklużi bħala parti mil-limitu tal-paġna.

- Għall-istadju ta' qabel l-għażla, l-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu f'formati fiżiċi (karta) u pdf sad-data ta' skadenza indikata taħt it-taqsima 4 taħt "Preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet". Għall-istadju finali tal-għażla, l-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu f'formati fiżiċi (karta) u pdf sal-iskadenza li tiġi indikata mill-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta lill-bliet magħżula wara t-tlestija tal-istadju ta' qabel l-għażla.

b. <u>Kriterji ta' esklużjoni</u>

Il-bliet kandidati għandhom jiffirmaw dikjarazzjoni fuq l-unur li tiċċertifika li mhumiex f'waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 136(1) u 141 tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea[3], billi jimlew il-formola rilevanti mehmuża fl-Anness 2.

c. <u>Kriterji tal-għoti</u>

---

[2]Aktar dettalji dwar l-istadji ta' qabel l-għażla u tal-għażla huma pprovduti fit-taqsima 3 ta' din is-sejħa.

[3] Ir-Regolament Finanzjarju tat-30 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (Ġurnal Uffiċjali L 193 tat-30.7.2018)

Il-kriterji tal-għoti għall-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet huma maqsuma f'sitt kategoriji li jikkorrispondu mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni Nru 445/2014/UE u s-sitt kategoriji kollha għandhom l-istess piż:

1. Kontribut għall-istrateġija fit-tul
2. Id-dimensjoni Ewropea
3. Kontenut kulturali u artistiku
4. Kapaċità għat-twettiq
5. Sensibilizzazzjoni
6. Ġestjoni

1. Fir-rigward tal-"kontribut għall-istrateġija fit-tul", għandhom jitqiesu l-fatturi li ġejjin:

- li tkun fis-seħħ strateġija kulturali għall-belt kandidata, li tkopri l-azzjoni u tinkludi pjanijiet għas-sostenn tal-attivitajiet kulturali lil hinn mis-sena tat-titlu, fiż-żmien tal-applikazzjoni tagħha;
- il-pjanijiet biex tissaħħaħ il-kapaċità tas-setturi kulturali u kreattivi, inkluż l-iżvilupp ta' rabtiet fit-tul bejn is-setturi kulturali, ekonomiċi u soċjali fil-belt kandidata;
- l-impatt kulturali, soċjali u ekonomiku fit-tul previst, inkluż l-iżvilupp urban, li t-titlu jkollu fuq il-belt kandidata;
- il-pjanijiet għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-impatt tat-titlu fuq il-belt kandidata u għat-tixrid tar-riżultati tal-evalwazzjoni.

2. Fir-rigward tad-"dimensjoni Ewropea", għandhom jitqiesu l-fatturi li ġejjin:

- il-kamp ta' applikazzjoni u l-kwalità tal-attivitajiet li jippromwovu d-diversità kulturali tal-Ewropa, id-djalogu interkulturali u fehim reċiproku akbar bejn iċ-ċittadini Ewropej;
- il-kamp ta' applikazzjoni u l-kwalità tal-attivitajiet li jenfasizzaw l-aspetti komuni tal-kulturi, il-wirt u l-istorja Ewropej, kif ukoll l-integrazzjoni Ewropea u t-temi Ewropej attwali;
- il-kamp ta' applikazzjoni u l-kwalità tal-attivitajiet li jinkludu artisti Ewropej, il-kooperazzjoni ma' operaturi jew bliet f'pajjiżi differenti, inkluż, fejn xieraq, bliet oħra li għandhom it-titlu, u sħubijiet transnazzjonali;
- l-istrateġija biex jiġi attirat l-interess ta' pubbliku Ewropew u internazzjonali wiesa'.

3. Fir-rigward tal-"kontenut kulturali u artistiku", għandhom jitqiesu l-fatturi li ġejjin:

- viżjoni u strateġija artistiċi ċari u koerenti għall-programm kulturali;
- l-involviment ta' artisti lokali u organizzazzjonijiet kulturali fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-programm kulturali;
- il-firxa u d-diversità tal-attivitajiet proposti u l-kwalità artistika ġenerali tagħhom;
- il-kapaċità li jgħaqqad il-wirt kulturali lokali u forom ta' arti tradizzjonali ma' espressjonijiet kulturali ġodda, innovattivi u sperimentali.

4. Fir-rigward tal-"kapaċità għat-twettiq", għandhom jitqiesu l-fatturi li ġejjin:

- li l-applikazzjoni jkollha appoġġ politiku wiesa' u qawwi u impenn sostenibbli mill-awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali;

- li l-belt kandidata għandha jew se jkollha infrastruttura adegwata u vijabbli biex iżżomm it-titlu.

5. Fir-rigward tas-"sensibilizzazzjoni", għandhom jitqiesu l-fatturi li ġejjin:

- l-involviment tal-popolazzjoni lokali u tas-soċjetà ċivili fit-tħejjija tal-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tal-azzjoni;
- il-ħolqien ta' opportunitajiet ġodda u sostenibbli għal firxa wiesgħa ta' ċittadini biex jattendu jew jipparteċipaw f'attivitajiet kulturali, b'mod partikolari ż-żgħażagħ, il-voluntiera u l-emarġinati u żvantaġġati, inkluż il-minoranzi, b'attenzjoni speċjali mogħtija lill-persuni b'diżabilità u lill-anzjani fir-rigward tal-aċċessibbiltà għal dawk l-attivitajiet;
- l-istrateġija ġenerali għall-iżvilupp tal-udjenza, u b'mod partikolari r-rabta mal-edukazzjoni u l-parteċipazzjoni tal-iskejjel.

6. Fir-rigward tal-"ġestjoni", għandhom jitqiesu l-fatturi li ġejjin:

- il-fattibbiltà tal-istrateġija tal-ġbir tal-fondi u l-baġit propost, li jinkludi, fejn xieraq, pjanijiet biex jitfittex appoġġ finanzjarju mill-programmi u l-fondi tal-Unjoni, u li tkopri l-fażi ta' tħejjija, is-sena tat-titlu, l-evalwazzjoni u d-dispożizzjonijiet għall-attivitajiet tal-wirt, u l-ippjanar ta' kontinġenza;
- l-istruttura ta' governanza u ta' twettiq prevista għall-implimentazzjoni tal-azzjoni li tipprovdi, *inter alia*, għal kooperazzjoni xierqa bejn l-awtoritajiet lokali u l-istruttura ta' twettiq, inkluż it-tim artistiku;
- il-proċeduri għall-ħatra tad-diretturi ġenerali u artistiċi u l-oqsma ta' azzjoni tagħhom;
- li l-istrateġija tal-kummerċjalizzazzjoni u l-komunikazzjoni tkun komprensiva u tenfasizza li l-azzjoni hija azzjoni tal-Unjoni;
- li l-istruttura tat-twettiq ikollha persunal b'ħiliet u esperjenza xierqa biex tippjana, tmexxi u twassal il-programm kulturali għas-sena tat-titlu.

Dawn il-kriterji huma spjegati u illustrati b'eżempji fil-Gwida għall-bliet kandidati, li hija disponibbli fuq is-siti web tal-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta u tal-Kummissjoni Ewropea fl-indirizzi li ġejjin:

- https://www.vca.gov.mt
- https://culture.ec.europa.eu/policies/culture-in-cities-and-regions/european-capitals-of-culture

## 3. <u>Proċedura għall-ħatra ta' belt waħda bħala Kapitali Ewropea tal-Kultura u l-għoti tal-premju Melina Mercouri</u>

### a. <u>Il-panel ta' esperti</u>

Għandu jiġi stabbilit panel ta' esperti indipendenti ("il-panel") biex iwettaq il-proċeduri ta' għażla u monitoraġġ.

Ir-rwol tal-panel huwa li jivvaluta l-applikazzjonijiet riċevuti mill-bliet kandidati, jaqbel fuq lista ta' bliet magħżula minn qabel kif ukoll jirrakkomanda belt waħda biex tingħata t-titlu ta'

Kapitali Ewropea tal-Kultura u l-premju Melina Mercouri. Fi tmiem il-fażi ta' monitoraġġ[4], huwa wkoll ir-rwol tal-panel li joħroġ rapport, li jkun il-bażi għad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tħallas il-premju Melina Mercouri lill-belt jew le.

Il-panel se jkun jikkonsisti minn 12-il membru.

Għall-fini tal-istadji ta' qabel l-għażla u tal-għażla, 10 membri se jkunu esperti maħtura mill-istituzzjonijiet u l-korpi Ewropej, jiġifieri mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill, mill-Kummissjoni u mill-Kumitat tar-Reġjuni, u żewġ membri se jkunu esperti maħtura mill-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali skont il-proċeduri nazzjonali rilevanti u b'konsultazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea.

L-istess esperti għandhom jinħatru mill-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni tal-Kummissjoni sabiex jagħtu rakkomandazzjoni dwar l-għoti tal-premju Melina Mercouri.

F'konformità mal-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni Nru 445/2014/UE, l-esperti għandhom ikunu ċittadini tal-Unjoni, għandhom ikunu indipendenti, ma jkollhom l-ebda kunflitt ta' interess attwali jew potenzjali fir-rigward ta' belt kandidata speċifika u għandhom esperjenza u kompetenza sostanzjali fis-settur kulturali, fl-iżvilupp kulturali tal-bliet jew fl-organizzazzjoni ta' Kapitali Ewropea tal-Kultura jew avveniment kulturali internazzjonali ta' kamp ta' applikazzjoni u skala simili.

b. <u>Fażijiet tal-proċedura</u>

Il-proċedura għan-nomina ta' belt waħda bħala Kapitali Ewropea tal-Kultura hija maqsuma kif ġej:

<u>b.1 Il-fażi tal-għażla</u>

Din il-fażi tal-għażla hija magħmula minn żewġ stadji differenti:

- <u>*L-istadju ta' qabel l-għażla*</u>

Il-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, permezz tal-Awtorità Maniġerjali, se jorganizza laqgħa ta' qabel l-għażla nhar it-Tnejn 3 u t-Tlieta 4 ta' Novembru 2025 fejn jistieden lill-bliet kandidati kollha li ppreżentaw applikazzjoni b'risposta għal din is-sejħa fl-iskadenza stabbilita hawn taħt, biex jibagħtu delegazzjoni għal seduta mal-panel.

Il-panel għandu jivvaluta kull belt kandidata abbażi tal-applikazzjoni u s-seduta tagħha kontra l-objettivi tal-azzjoni tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura u l-kriterji kif speċifikat hawn fuq.

Wara din il-laqgħa, il-panel se jaqbel fuq lista mqassra ta' bliet kandidati, li għandhom jiġu mistiedna jirrevedu u jlestu l-applikazzjoni tagħhom matul l-istadju tal-għażla finali. Għandu joħroġ rapport ta' qabel l-għażla li jkun fih valutazzjoni ġenerali tal-applikazzjonijiet kollha, il-lista mqassra ta' bliet kandidati li għandhom jiġu kkunsidrati aktar kif ukoll rakkomandazzjonijiet lil dawn il-bliet.

[4]Aktar dettalji dwar l-istadju tal-monitoraġġ huma pprovduti fit-taqsima 5 ta' din is-sejħa.

Imbagħad Malta għandha tapprova formalment il-lista mqassra bbażata fuq ir-rapport tal-panel, u l-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, permezz tal-Awtorità Maniġerjali, għandu jibgħat ittra lill-bliet kandidati fil-lista mqassra u jistedinhom ilestu u jirrevedu l-applikazzjonijiet tagħhom u jindika l-iskadenza għas-sottomissjoni ta' dawn l-applikazzjonijiet.

- *L-istadju tal-għażla finali*

Il-bliet kandidati fil-lista mqassra se jlestu u jirrevedu l-applikazzjonijiet tagħhom bil-ħsieb li jikkonformaw mal-kriterji tal-għoti kif ukoll li jqisu r-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fir-rapport ta' qabel l-għażla. Kull belt magħżula minn qabel se tibgħat l-applikazzjoni riveduta tagħha lill-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, irrappreżentat mill-Awtorità Maniġerjali, fil-ħin.

F'dan l-istadju, il-panel jista' jkun jixtieq jagħmel żjara lill-bliet magħżula minn qabel biex jikseb *in situ* fehim aħjar tal-kandidati kif ukoll tal-livell ta' sjieda fost l-abitanti tal-belt u l-partijiet interessati ewlenin.

Fi kwalunkwe każ, il-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, permezz tal-Awtorità Maniġerjali, se jorganizza laqgħa tal-għażla f'Settembru 2026 (id-data preċiża se tiġi speċifikata mill-Ministeru, permezz tal-Awtorità Maniġerjali, aktar tard) fejn jistieden lill-bliet magħżula kollha biex jibagħtu delegazzjoni għal seduta mal-panel.

Il-panel għandu jivvaluta kull belt kandidata fil-lista mqassra abbażi tal-applikazzjoni riveduta u s-seduta tagħha kontra l-objettivi tal-azzjoni tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura u l-kriterji kif speċifikat hawn fuq.

Wara din il-laqgħa, il-panel għandu jaqbel fuq ir-rakkomandazzjoni ta' massimu ta' belt waħda għat-titlu. Jekk l-ebda waħda mill-bliet kandidati ma tissodisfa l-kriterji kollha, il-panel jista' jirrakkomanda li ma jingħatax it-titlu f'Malta fl-2031.

Il-panel għandu joħroġ rapport tal-għażla li jkun fih valutazzjoni ġenerali tal-applikazzjonijiet kollha u rakkomandazzjoni ġustifikata għall-ħatra ta' belt waħda għat-titlu. Ir-rapport għandu jkun fih ukoll rakkomandazzjonijiet lill-belt ikkonċernata dwar il-progress li għandu jsir sas-sena tat-titlu.

b.2 Proċedura għall-ħatra ta' belt waħda bħala Kapitali Ewropea tal-Kultura u l-għoti tal-premju Melina Mercouri

Malta għandha, abbażi tar-rakkomandazzjoni tal-panel, tinnomina belt waħda biex ikollha t-titlu ta' Kapitali Ewropea tal-Kultura 2031 u għandha tinnotifika lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Kumitat tar-Reġjuni b'dik in-nomina sa mhux aktar tard minn 4 snin qabel is-sena tat-titlu.

Fl-istess ħin li jirrakkomanda belt għat-titlu, il-panel se jirrakkomanda wkoll lill-uffiċjal ta' awtorizzazzjoni tal-Kummissjoni biex jagħti l-premju Melina Mercouri lil din il-belt.

Wara li l-belt tkun ġiet innominata uffiċjalment, l-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni tal-Kummissjoni, fuq din ir-rakkomandazzjoni, jista' jagħtiha l-premju Melina Mercouri li jammonta għal EUR 1 500 000[5].

## 4. Sottomissjoni tal-applikazzjonijiet

Il-bliet ta' Malta li jixtiequ japplikaw għat-titlu ta' Kapitali Ewropea tal-Kultura fl-2031 għandhom iwieġbu għal din is-sejħa billi jimlew il-formola ta' applikazzjoni fl-Anness 1 kif ukoll il-formola tad-"dikjarazzjoni fuq l-unur" fl-Anness 2.

Hemm żewġ kwestjonarji: wieħed għall-istadju ta' qabel l-għażla u ieħor żviluppat għall-għażla finali.

Għandhom jintbagħtu għoxrin kopja fuq karta u kopja waħda pdf għal kull applikazzjoni (bl-Ingliż u potenzjalment ukoll f'lingwa uffiċjali oħra tal-UE) lill-indirizz postali u l-indirizz elettroniku li ġejjin sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa 26 ta' Settembru 2025:

Valletta Cultural Agency
Exchange Buildings
Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta
VLT 1117
Malta

ecoc2031@vca.gov.mt

Il-bliet kandidati għandhom jikkomunikaw bil-miktub l-intenzjoni tagħhom li jissottomettu applikazzjoni sa mhux aktar tard mit-Tnejn, 25 ta' Awwissu 2025.

L-applikanti se jiġu infurmati mill-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta bl-irċevuta tal-applikazzjoni tagħhom fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol.

Billi jissottomettu applikazzjoni, il-bliet jaċċettaw li l-applikazzjoni elettronika tagħhom kemm fl-istadji ta' qabel l-għażla kif ukoll tal-għażla ssir pubblika fuq is-sit web tal-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta u s-sit web tal-Kummissjoni fi tmiem il-fażi tal-għażla.

Għar-rekwiżiti formali jekk jogħġbok irreferi għat-taqsima 2 a) tas-sejħa.

## 5. Monitoraġġ u pagament tal-premju Melina Mercouri

Il-Premju Melina Mercouri jingħata b'rabta mal-ħatra ta' belt bħala Kapitali Ewropea tal-Kultura. Madankollu, il-pagament tiegħu se jseħħ sa mhux aktar tard mill-aħħar ta' Marzu 2031 sakemm il-belt magħżula tkompli tonora l-impenji li ħadet fl-istadju tal-applikazzjoni, tkun għadha tikkonforma mal-kriterji stipulati fis-sejħa u tqis ir-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fl-għażla u r-rapporti ta' monitoraġġ tal-panel.

[5] Suġġett għall-finanzjament li jsir disponibbli taħt il-programm rilevanti tal-Unjoni li jappoġġja l-kultura.

L-impenji meħuda fl-istadju tal-applikazzjoni għandhom jitqiesu li ġew onorati mill-belt magħżula fejn ma tkun saret l-ebda bidla sostanzjali fil-programm u fl-istrateġija bejn l-istadju tal-applikazzjoni u s-sena tat-titlu, b'mod partikolari fejn:

a) il-baġit ikun inżamm f'livell li kapaċi jwassal programm kulturali ta' kwalità għolja skont l-applikazzjoni u l-kriterji;
b) l-indipendenza tat-tim artistiku tkun ġiet rispettata kif xieraq;
c) id-dimensjoni Ewropea tkun baqgħet b'saħħitha biżżejjed fil-verżjoni finali tal-programm kulturali;
d) l-istrateġija tal-kummerċjalizzazzjoni u l-komunikazzjoni u l-materjal ta' komunikazzjoni użat mill-belt magħżula jkunu jirriflettu b'mod ċar il-fatt li l-Kapitali Ewropea tal-Kultura hija azzjoni tal-Unjoni;
e) il-pjanijiet għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-impatt tat-titlu fuq il-belt ikunu fis-seħħ.

Il-konformità ma' dawn ir-rekwiżiti se tiġi vvalutata mill-Kummissjoni fuq il-bażi ta' rakkomandazzjoni magħmula minn panel ta' esperti indipendenti fi tmiem il-fażi ta' monitoraġġ, li tibda mill-ħatra tal-belt bħala Kapitali Ewropea tal-Kultura sal-bidu tas-sena tat-titlu.

B'mod simili għall-proċess tal-għażla, il-fażi ta' monitoraġġ titwettaq mill-panel. Il-Kummissjoni se tlaqqa' tliet laqgħat ta' monitoraġġ bejn il-panel u l-belt magħżula sabiex il-panel jieħu kont tat-tħejjijiet għall-avveniment u jagħti pariri bil-għan li jgħin lill-belt tiżviluppa programm kulturali ta' kwalità għolja u strateġija effettiva. Wara t-tielet laqgħa, il-panel se joħroġ rapport, li se jkun il-bażi għad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tħallas il-premju Melina Mercouri lill-belt jew le. Jekk jogħġbok innota li l-ħlas tal-premju għalhekk ma huwiex awtomatiku.

Ladarba l-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni tal-Kummissjoni jkun ħareġ id-deċiżjoni dwar l-għoti tal-premju, il-belt taċċetta li jistgħu jsiru kontrolli u verifiki mill-Kummissjoni, mill-OLAF u mill-Qorti tal-Awdituri.

Rigward l-għoti u l-ħlas tal-premju, japplika d-dritt tal-Unjoni. Il-qorti jew it-tribunal tal-arbitraġġ kompetenti għas-smigħ tat-tilwim hija l-Qorti Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea:

Il-Qorti Ġenerali
Rue du Fort Niedergrünewald
L-2925 il-Lussemburgu
Tel.: (352) 4303-1 Fax: (352) 4303 2100
Indirizz elettroniku: GeneralCourt.Registry@curia.europa.eu

Penali finanzjarji jew amministrattivi, jew it-tnejn, jistgħu jiġu imposti fuq applikanti li jkunu għamlu dikjarazzjonijiet foloz, jew wettqu irregolaritajiet jew frodi, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 243 tar-Regolament Finanzjarju msemmi hawn fuq applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea u fi proporzjon mal-valur tal-premju Melina Mercouri.

Ladarba tintemm is-sena tat-titlu, il-belt mogħtija t-titlu ta' Kapitali Ewropea tal-Kultura se jkollha tipproduċi rapport ta' evalwazzjoni billi tuża l-linji gwida u l-indikaturi komuni

stabbiliti mill-Kummissjoni[6] u tittrażmettih lill-Kummissjoni Ewropea sal-31 ta' Diċembru tal-2032 skont l-Artikolu 16 tad-Deċiżjoni Nru 445/2014/UE.

## 6. Tagħrif addizzjonali

Bliet interessati fit-titlu jistgħu jiksbu informazzjoni fil-laqgħa ta' informazzjoni li se tiġi organizzata nhar it-Tnejn 28 ta' Ottubru 2024 fil-Valletta Design Cluster, 25, Triq il-Gendus, il-Belt Valletta mill-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta.

Informazzjoni dwar l-azzjoni tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura tista' tiġi kkonsultata fuq is-sit web tal-Kummissjoni Ewropea fl-indirizz li ġej: https://culture.ec.europa.eu/policies/culture-in-cities-and-regions/european-capitals-of-culture.

Il-bliet kandidati huma avżati biex jaqraw il-gwida għall-bliet li japplikaw għat-titlu ta' Kapitali Ewropea tal-Kultura, li hija disponibbli fl-istess indirizz.

Bliet interessati fit-titlu jistgħu jiksbu aktar informazzjoni mill-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta u mid-Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażagħ, l-Isport u l-Kultura tal-Kummissjoni Ewropea fl-indirizz li ġej:

Valletta Cultural Agency
Exchange Buildings
Triq ir-Repubblika
Il-Belt Valletta, VLT 1117
Indirizz elettroniku: ecoc2031@vca.gov.mt

Il-Kummissjoni Ewropea
DĠ Edukazzjoni, Żgħażagħ, Sport u Kultura
Programm Ewropa Kreattiva
Indirizz elettroniku:EAC-ECOC@ec.europa.eu

Ir-Regoli ta' Proċedura, li jispeċifikaw b'mod partikolari l-isem tal-awtorità maniġerjali responsabbli mill-organizzazzjoni u l-ġestjoni tal-kompetizzjoni, l-arranġamenti tal-kompetizzjoni kif ukoll ir-regoli għal-laqgħat ta' qabel l-għażla u tal-għażla, inkluż ir-reġim tal-lingwa u l-organizzazzjoni tas-seduti ta' smigħ tal-bliet kandidati, se jkunu disponibbli nhar it-Tnejn 7 ta' Ottubru 2024 fuq is-sit web tal-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta.

[6] https://culture.ec.europa.eu/sites/default/files/2021-04/ecoc-guidelines-for-cities-own-evaluations-2020-2033.pdf

# ANNESS 1
# FORMOLA TA' APPLIKAZZJONI

Il-bliet kandidati għandhom iwieġbu b'mod ċar il-mistoqsijiet kollha ta' hawn taħt. Għal kull taqsima (1 sa 6) il-mistoqsijiet jistgħu jitwieġbu separatament jew flimkien.

Il-bliet kandidati huma wkoll mistiedna biex ikunu ċari, konċiżi u skjetti fit-tweġibiet tagħhom. Barra minn hekk, għandha tingħata attenzjoni kbira biex tiġi żgurata l-leġġibbiltà massima tal-applikazzjonijiet; filwaqt li l-offerti għandhom jinkitbu b'tipa mhux iżgħar minn 10.

**Kwestjonarju ta' qabel l-għażla:**

**Introduzzjoni – Kunsiderazzjonijiet ġenerali (massimu ta' 3 paġni).**

- Għaliex il-belt tiegħek tixtieq tieħu sehem fil-kompetizzjoni għat-titlu ta' Kapitali Ewropea tal-Kultura?

- Il-belt tiegħek qed tippjana li tinvolvi ż-żona tal-madwar tagħha? Spjega din l-għażla.

- Spjega fil-qosor il-profil kulturali ġenerali tal-belt tiegħek.

- Spjega l-kunċett tal-programm li se jkun imniedi jekk il-belt tiġi nominata bħala Kapitali Ewropea tal-Kultura.

## 1. Kontribut għall-istrateġija fit-tul

- Iddeskrivi l-istrateġija kulturali fis-seħħ fil-belt tiegħek fiż-żmien tal-applikazzjoni, inkluż il-pjanijiet għas-sostenn tal-attivitajiet kulturali lil hinn mis-sena tat-titlu.

- Iddeskrivi l-pjanijiet tal-belt biex issaħħaħ il-kapaċità tas-setturi kulturali u kreattivi, inkluż permezz tal-iżvilupp ta' rabtiet fit-tul bejn dawn is-setturi u s-setturi ekonomiċi u soċjali fil-belt tiegħek.

- Kif inhi inkluża l-azzjoni tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura f'din l-istrateġija?

- Jekk il-belt tiegħek tingħata t-titlu ta' Kapitali Ewropea tal-Kultura, x'taħseb li jkun l-impatt kulturali, soċjali u ekonomiku fit-tul fuq il-belt (inkluż f'termini ta' żvilupp urban)?

- Iddeskrivi fil-qosor il-pjanijiet għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni.

## 2. Kontenut kulturali u artistiku

- X'inhi l-viżjoni u l-istrateġija artistika għall-programm kulturali tas-sena?

- Agħti ħarsa ġenerali lejn l-istruttura tal-programm kulturali tiegħek, inkluż il-firxa u d-diversità tal-attivitajiet/avvenimenti ewlenin li se jimmarkaw is-sena.

- Spjega fil-qosor kif il-programm kulturali se jgħaqqad il-wirt kulturali lokali u forom ta' arti tradizzjonali ma' espressjonijiet kulturali ġodda, innovattivi u sperimentali.

- Il-belt kif involviet, jew kif qed tippjana li tinvolvi, artisti lokali u organizzazzjonijiet kulturali fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-programm kulturali?

## 3. Id-dimensjoni Ewropea

- Agħti deskrizzjoni ġenerali tal-attivitajiet previsti fid-dawl ta':

    - Il-promozzjoni tad-diversità kulturali tal-Ewropa, djalogu interkulturali u fehim reċiproku akbar bejn iċ-ċittadini Ewropej;
    - L-enfasi fuq l-aspetti komuni tal-kulturi, il-wirt u l-istorja Ewropej, kif ukoll l-integrazzjoni Ewropea u t-temi Ewropej attwali;
    - Kollaborazzjoni ma' artisti Ewropej, kooperazzjoni ma' operaturi u bliet f'pajjiżi differenti, u sħubijiet transnazzjonali.

- Tista' tispjega l-istrateġija ġenerali tiegħek biex tattira l-interess ta' pubbliku Ewropew u internazzjonali wiesa'?

- Sa liema punt qed tippjana li tiżviluppa rabtiet bejn il-programm kulturali tiegħek u l-programm kulturali ta' bliet oħra li għandhom it-titlu ta' Kapitali Ewropea tal-Kultura?

## 4. Sensibilizzazzjoni

- Spjega kif il-popolazzjoni lokali u s-soċjetà ċivili tiegħek kienu involuti fit-tħejjija tal-applikazzjoni u kif se jipparteċipaw fl-implimentazzjoni tas-sena.

- Spjega kif se jinħolqu opportunitajiet għall-parteċipazzjoni ta' gruppi emarġinati u żvantaġġati.

- Spjega l-istrateġija ġenerali tiegħek għall-iżvilupp tal-udjenza, u b'mod partikolari r-rabta mal-edukazzjoni u l-parteċipazzjoni tal-iskejjel.

## 5. Ġestjoni

### <u>a) Finanzi</u>

- <u>***Baġit tal-belt għall-kultura***:</u>

    - X'kien il-baġit annwali għall-kultura fil-belt matul l-aħħar 5 snin (eskluża n-nefqa għall-applikazzjoni attwali tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura)? (Jekk jogħġbok imla t-tabella ta' hawn taħt).

| **Sena** | **Baġit annwali għall-kultura fil-belt (f'ewro)** | **Baġit annwali għall-kultura fil-belt (f'% tal-baġit annwali totali)** |
|---|---|---|
| **n-4** | | |
| **n-3** | | |
| **n-2** | | |
| **n-1** | | |
| **Kurrenti** | | |

- F'każ li l-belt tkun qed tippjana li tuża fondi mill-baġit annwali tagħha għall-kultura biex tiffinanzja l-proġett tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura, jekk jogħġbok indika dan l-ammont li jibda mis-sena tas-sottomissjoni tal-offerta sas-sena tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura.

- Liema ammont tal-baġit annwali ġenerali biħsiebha tonfoq il-belt għall-kultura wara s-sena tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura (f'euro u f'% tal-baġit annwali ġenerali)?

- ***Baġit operattiv għas-sena tat-titlu***

  - **Dħul biex ikopri n-nefqa operattiva:**

    - Jekk jogħġbok spjega l-baġit operattiv ġenerali (jiġifieri fondi li huma speċifikament imwarrba biex ikopru n-nefqa operattiva). Il-baġit għandu jkopri l-fażi tat-tħejjija, is-sena tat-titlu, l-evalwazzjoni u d-dispożizzjonijiet għall-attivitajiet tal-legat. Jekk jogħġbok imla wkoll it-tabella ta' hawn taħt.

| **Dħul totali biex ikopri in-nefqa operattiva (f'ewro)** | **Mis-settur pubbliku (f'ewro)** | **Mis-settur pubbliku (f'%)** | **Mis-settur privat (f'ewro)** | **Mis-settur privat (f'%)** |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |

  - **Dħul mis-settur pubbliku:**

    - X'inhu t-tqassim tad-dħul li għandu jiġi riċevut mis-settur pubbliku biex ikopri n-nefqa operattiva? Jekk jogħġbok imla t-tabella ta' hawn taħt:

| **Dħul mis-settur pubbliku biex ikopri n-nefqa operattiva** | **f'ewro** | **%** |
|---|---|---|
| Gvern Nazzjonali | | |
| Belt | | |
| Reġjun | | |
| UE (bl-eċċezzjoni tal-Premju Melina Mercouri) | | |
| Oħrajn | | |
| **Total** | | |

- L-awtoritajiet tal-finanzi pubbliċi (belt, reġjun, stat) diġà vvutaw jew ħadu impenji finanzjarji biex ikopru n-nefqa operattiva? Jekk le, kif se jagħmlu dan?

▪ **Dħul mis-settur privat:**

- X'inhi l-istrateġija ta' ġbir ta' fondi biex wieħed ifittex appoġġ minn sponsors privati? X'inhu l-pjan biex jiġu involuti l-isponsors fl-avveniment?

▪ **Nefqa operattiva**:

- Jekk jogħġbok ipprovdi tqassim tan-nefqa operattiva, billi timla t-tabella ta' hawn taħt.

| Nefqa tal-programm (f'ewro) | Nefqa tal-programm (f'%) | Promozzjoni u kummerċjalizzazzjoni (f'ewro) | Promozzjoni u kummerċjalizzazzjoni (f'ewro) | Pagi, spejjeż ġenerali u amministrazzjoni (f'%) | Pagi, spejjeż ġenerali u amministrazzjoni (f'ewro) | Oħrajn (jekk jogħġbok speċifika) | Total tan-nefqa operattiva |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | |

- ***Baġit għan-nefqa kapitali***

- X'inhu t-tqassim tad-dħul li għandu jiġi riċevut mis-settur pubbliku biex ikopri n-nefqa kapitali b'rabta mas-sena tat-titlu? Jekk jogħġbok imla t-tabella ta' hawn taħt:

| Dħul mis-settur pubbliku biex ikopri n-nefqa operattiva | f'ewro | % |
|---|---|---|
| Gvern Nazzjonali | | |
| Belt | | |
| Reġjun | | |
| UE (bl-eċċezzjoni tal-Premju Melina Mercouri) | | |
| Oħrajn | | |
| **Total** | | |

- L-awtoritajiet tal-finanzi pubbliċi (belt, reġjun, stat) diġà vvutaw jew ħadu impenji finanzjarji biex ikopru n-nefqa kapitali? Jekk le, kif se jagħmlu dan?

- X'inhi l-istrateġija ta' ġbir ta' fondi biex tfittex appoġġ finanzjarju mill-programmi/fondi tal-Unjoni biex tkopri n-nefqa kapitali?

- Jekk xieraq, jekk jogħġbok daħħal tabella hawn li tispeċifika liema ammonti se jintefqu għal infrastruttura kulturali ġdida li għandha tintuża fil-qafas tas-sena tat-titlu.

**b) Struttura organizzazzjonali**

- Jekk jogħġbok agħti deskrizzjoni fil-qosor tal-governanza u l-istruttura tat-twassil maħsuba għall-implimentazzjoni tas-sena tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura

**c) Ippjanar ta' kontinġenza**

- X'inhuma s-saħħiet u d-dgħufijiet ewlenin tal-proġett tiegħek? Kif qed tippjana li tegħleb id-dgħufijiet identifikati?

**d) Kummerċjalizzazzjoni u komunikazzjoni**

- Jekk jogħġbok ipprovdi deskrizzjoni ġenerali tal-istrateġija ta' kummerċjalizzazzjoni (marketing) u komunikazzjoni maħsuba tal-belt għas-sena tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura.

- Il-belt kif qed tippjana li tenfasizza li l-Kapitali Ewropea tal-Kultura hija azzjoni tal-Unjoni Ewropea?

## 6. Kapaċità għat-twettiq

- Jekk jogħġbok ikkonferma u agħti evidenza li għandek appoġġ politiku wiesa' u qawwi u impenn sostenibbli mill-awtoritajiet pubbliċi lokali, reġjonali u nazzjonali rilevanti.

- Jekk jogħġbok ikkonferma u ipprovdi evidenza li l-belt tiegħek għandha jew se jkollha infrastruttura adegwata u vijabbli biex tospita t-titlu. Biex tagħmel dan, jekk jogħġbok wieġeb il-mistoqsijiet li ġejjin:

    - Spjega fil-qosor kif il-Kapitali Ewropea tal-Kultura se tagħmel użu minn u tiżviluppa l-infrastruttura kulturali tal-belt.

    - X'inhuma l-assi tal-belt f'termini ta' aċċessibbiltà (trasport reġjonali, nazzjonali u internazzjonali)?

    - X'inhi l-kapaċità ta' assorbiment tal-belt f'termini ta' akkomodazzjoni tat-turisti?

- F'termini ta' infrastruttura kulturali, urbana u turistika x'inhuma l-proġetti (inkluż proġetti ta' rinnovazzjoni) li l-belt tiegħek qed tippjana li twettaq b'rabta mal-azzjoni tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura bejn issa u s-sena tat-titlu?

**Kwestjonarju tal-għażla:**

**Introduzzjoni – Kunsiderazzjonijiet ġenerali**

- Il-kunċett tal-programm deskritt għas-sena tal-ECoC inbidel bejn l-istadju ta' qabel l-għażla u l-istadju tal-għażla? Jekk iva, jekk jogħġbok iddeskrivi l-kunċett il-ġdid u spjega r-raġunijiet għall-bidla.

**1. Kontribut għall-istrateġija fit-tul**

- Iddeskrivi kwalunkwe tibdil fl-istrateġija kulturali mill-istadju ta' qabel l-għażla, u r-rwol tal-proċess ta' qabel l-għażla tal-ECOC f'dawn il-bidliet, jekk rilevanti. Indika speċifikament għal liema prijoritajiet ta' din l-istrateġija biħsiebha tikkontribwixxi l-azzjoni tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura, u kif.

- L-intenzjonijiet tiegħek f'termini ta' impatt fit-tul tal-azzjoni tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura fuq il-belt nbidlu mill-perjodu ta' qabel l-għażla? Jekk iva, jekk jogħġbok iddeskrivi l-bidliet jew l-impatt ulterjuri previst.

- Iddeskrivi l-pjanijiet tiegħek għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-impatt tat-titlu fuq il-belt tiegħek u għat-tixrid tar-riżultati tal-evalwazzjoni. B'mod partikolari, jistgħu jiġu kkunsidrati l-mistoqsijiet li ġejjin:
    - Min se jwettaq l-evalwazzjoni?
    - Liema għanijiet u tragwardi se jiġu inklużi fil-pjan ta' evalwazzjoni tiegħek, bejn in-nomina u s-sena tat-titlu?
    - Liema studji bażi jew stħarriġ hemm l-intenzjoni li jintużaw?
    - X'tip ta' informazzjoni se tiġi segwita u mmonitorjata?
    - Kif se jiġi definit is-"suċċess"?
    - F'liema qafas ta' żmien u kemm se titwettaq regolarment l-evalwazzjoni ?
    - Kif se jiġu kondiviżi r-riżultati?

  Biex tikseb gwida biex twieġeb din il-mistoqsija, jekk jogħġbok aqra l-Linji Gwida stabbiliti mill-Kummissjoni Ewropea għall-evalwazzjonijiet tal-ibliet stess fl-indirizz tal-web li ġej:

  https://ec.europa.eu/culture/sites/default/files/2021-04/ecoc-guidelines-for-cities-own-evaluations-2020-2033.pdf

**2. Kontenut kulturali u artistiku**

- Iddeskrivi fid-dettall il-viżjoni artistika u l-istrateġija għall-programm kulturali tas-sena deskritti fil-qosor fl-istadju ta' qabel l-għażla, u spjega kwalunkwe tibdil li seħħ mill-istadju ta' qabel l-għażla.

- Iddeskrivi l-istruttura tal-programm kulturali, inkluż il-firxa u d-diversità tal-attivitajiet u l-avvenimenti ewlenin li se jimmarkaw is-sena.

Għal kull wieħed, jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar l-imsieħba tal-proġett u l-baġit stmat.

- Kif se jintgħażlu l-avvenimenti u l-attivitajiet li se jikkostitwixxu l-programm kulturali għas-sena?

- Il-programm kulturali kif se jgħaqqad il-wirt kulturali lokali u forom ta' arti tradizzjonali ma' espressjonijiet kulturali ġodda, innovattivi u sperimentali?

- Il-belt kif involviet artisti lokali u organizzazzjonijiet kulturali fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-programm kulturali?

- Jekk jogħġbok agħti xi eżempji konkreti u semmi xi artisti lokali u organizzazzjonijiet kulturali li magħhom hija prevista kooperazzjoni u speċifika t-tip ta' skambji inkwistjoni.

## 3. Id-dimensjoni Ewropea

- Elabora fuq il-kamp ta' applikazzjoni u l-kwalità tal-attivitajiet:

  - Il-promozzjoni tad-diversità kulturali tal-Ewropa, djalogu interkulturali u fehim reċiproku akbar bejn iċ-ċittadini Ewropej;

  - L-enfasi fuq l-aspetti komuni tal-kulturi, il-wirt u l-istorja Ewropej, kif ukoll l-integrazzjoni Ewropea u t-temi Ewropej attwali;

  - Kollaborazzjoni ma' artisti Ewropej, kooperazzjoni ma' operaturi u bliet f'pajjiżi differenti, u sħubijiet transnazzjonali.

  - Semmi xi artisti, operaturi u bliet Ewropej u internazzjonali li magħhom hija prevista kooperazzjoni u speċifika t-tip ta' skambji inkwistjoni. Semmi s-sħubijiet transnazzjonali li l-belt tiegħek diġà stabbiliet jew qed tippjana li tistabbilixxi.

- Tista' tispjega fid-dettall l-istrateġija tiegħek biex tattira l-interess ta' pubbliku Ewropew u internazzjonali wiesa'?

- Iddeskrivi r-rabtiet żviluppati jew li jridu jiġu żviluppati bejn il-programm kulturali tiegħek u l-programm kulturali ta' bliet oħra li għandhom it-titlu ta' Kapitali Ewropea tal-Kultura.

## 4. Sensibilizzazzjoni

- Spjega fid-dettall kif il-popolazzjoni lokali u s-soċjetà ċivili tiegħek kienu involuti fit-tħejjija tal-applikazzjoni u se jipparteċipaw fl-implimentazzjoni tas-sena.

- It-titlu kif se joħloq opportunitajiet ġodda u sostenibbli fil-belt tiegħek għal firxa wiesgħa ta' ċittadini biex jattendu jew jipparteċipaw f'attivitajiet kulturali, b'mod partikolari ż-żgħażagħ, il-voluntiera u l-emarġinati u żvantaġġati, inkluż il-minoranzi?

Jekk jogħġbok elabora wkoll dwar l-aċċessibbiltà ta' dawn l-attivitajiet għall-persuni b'diżabilità u l-anzjani. Speċifika l-partijiet rilevanti tal-programm ippjanati għal dawn il-gruppi varji.

- Spjega fid-dettall l-istrateġija tiegħek għall-iżvilupp tal-udjenza, u b'mod partikolari r-rabta mal-edukazzjoni u l-parteċipazzjoni tal-iskejjel.

## 5. Ġestjoni

### a) Finanzi

- ***Baġit operattiv għas-sena tat-titlu***

  - Dħul biex ikopri n-nefqa operattiva:

    - Jekk jogħġbok ikkonferma jew aġġorna ċ-ċifri tal-baġit billi tuża t-tabelli ta' hawn taħt. Spjega kwalunkwe differenzi fir-rigward tal-istadju tal-għażla minn qabel.

    - Baġit operattiv totali (jiġifieri fondi li huma speċifikament imwarrba biex ikopru n-nefqa operattiva)

| Dħul totali biex ikopri in-nefqa operattiva (f'ewro) | Mis-settur pubbliku (f'ewro) | Mis-settur pubbliku (f'%) | Mis-settur privat (f'ewro) | Mis-settur privat (f'%) |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |

  - Dħul mis-settur pubbliku:

    - X'inhu t-tqassim tad-dħul li għandu jiġi riċevut mis-settur pubbliku biex ikopri n-nefqa operattiva? Jekk jogħġbok imla t-tabella ta' hawn taħt:

| Dħul mis-settur pubbliku biex ikopri n-nefqa operattiva | f'ewro | % |
|---|---|---|
| Gvern Nazzjonali | | |
| Belt | | |
| Reġjun | | |
| UE (bl-eċċezzjoni tal-Premju Melina Mercouri) | | |
| Oħrajn | | |
| **Total** | | |

    - L-awtoritajiet tal-finanzi pubbliċi (belt, reġjun, stat) diġà vvutaw jew ħadu impenji finanzjarji biex ikopru n-nefqa operattiva? Jekk le, kif se jagħmlu dan?

    - X'inhi l-istrateġija tiegħek ta' ġbir ta' fondi biex tfittex appoġġ finanzjarju mill-programmi/fondi tal-Unjoni biex tkopri n-nefqa operattiva?

- Skont liema skeda għandu jiġi riċevut id-dħul biex ikopri n-nefqa operattiva mill-belt u/jew mill-korp responsabbli għat-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-proġett tal-ECoC jekk il-belt tirċievi t-titlu ta' Kapitali Ewropea tal-Kultura?

| Sors ta' dħul għan-nefqa operattiva | Sena -5* | Sena -4* | Sena -3* | Sena -2* | Sena -1* | Sena tal-ECoC |
|---|---|---|---|---|---|---|
| UE | | | | | | |
| Gvern nazzjonali | | | | | | |
| Belt | | | | | | |
| Reġjun | | | | | | |
| Sponsors | | | | | | |
| Oħrajn | | | | | | |

*Jekk jogħġbok imla d-data xierqa

- Dħul mis-settur privat:

  - X'inhi l-istrateġija ta' ġbir ta' fondi biex wieħed ifittex appoġġ minn sponsors privati? X'inhu l-pjan biex jiġu involuti l-isponsors fl-avveniment?

- Nefqa operattiva:

  - Jekk jogħġbok ipprovdi tqassim tan-nefqa operattiva, billi timla t-tabella ta' hawn taħt.

| Nefqa tal-programm (f'ewro) | Nefqa tal-programm (f'%) | Promozzjoni u kummerċjalizzazzjoni (f'ewro) | Promozzjoni u kummerċjalizzazzjoni (f'ewro) | Pagi, spejjeż ġenerali u amministrazzjoni (f'%) | Pagi, spejjeż ġenerali u amministrazzjoni (f'ewro) | Oħrajn (jekk jogħġbok speċifika) | Total tan-nefqa operattiva |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | |

- Skeda ta' żmien ippjanata għall-infiq tan-nefqa operattiva:

| Skeda għall-infiq* | Infiq tal-programm (f'ewro) | Infiq tal-programm (f'%) | Promozzjoni u kummerċjali-zzazzjoni (f'ewro) | Promozzjoni u kummerċjali-zzazzjoni (f'%) | Pagi, spejjeż ġenerali u amministazzjoni (f'ewro) | Pagi, spejjeż ġenerali u amministazzjoni (f'ewro) | Oħrajn (jekk joghbok speċifika (f'ewro) | Oħrajn (jekk joghbok speċifika (f'%) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Sena n-5 | | | | | | | | |
| Sena n-4 | | | | | | | | |
| Sena n-3 | | | | | | | | |
| Sena n-1 | | | | | | | | |
| Sena ECoC | | | | | | | | |
| Sena n+1 | | | | | | | | |
| Wara | | | | | | | | |

- ***Baġit għan-nefqa kapitali***

  - X'inhu t-tqassim tad-dħul li għandu jiġi riċevut mis-settur pubbliku biex ikopri n-nefqa kapitali b'rabta mas-sena tat-titlu? Jekk jogħġbok imla t-tabella ta' hawn taħt:

| **Dħul mis-settur pubbliku biex ikopri n-nefqa operattiva** | **f'ewro** | **%** |
|---|---|---|
| Gvern Nazzjonali | | |
| Belt | | |
| Reġjun | | |
| UE (bl-eċċezzjoni tal-Premju Melina Mercouri) | | |
| Oħrajn | | |
| **Total** | | |

  - L-awtoritajiet tal-finanzi pubbliċi (belt, reġjun, stat) diġà vvutaw jew ħadu impenji finanzjarji biex ikopru n-nefqa kapitali? Jekk le, kif se jagħmlu dan?

  - X'inhi l-istrateġija ta' ġbir ta' fondi biex tfittex appoġġ finanzjarju mill-programmi/fondi tal-Unjoni biex tkopri n-nefqa kapitali?

  - Skont liema skeda għandu jiġi riċevut id-dħul biex ikopri n-nefqa kapitali mill-belt u/jew mill-korp responsabbli għat-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-proġett tal-ECoC jekk il-belt tirċievi t-titlu ta' Kapitali Ewropea tal-Kultura? Jekk jogħġbok imla t-tabella ta' hawn taħt.

| **Sors ta' dħul għan-nefqa operattiva** | **Sena -5*** | **Sena -4*** | **Sena -3*** | **Sena -2*** | **Sena -1*** | **Sena tal-ECoC** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **UE** | | | | | | |
| **Gvern nazzjonali** | | | | | | |
| **Belt** | | | | | | |
| **Reġjun** | | | | | | |
| **Sponsors** | | | | | | |
| **Oħrajn** | | | | | | |

  - Jekk xieraq, jekk jogħġbok daħħal tabella hawn li tispeċifika liema ammonti se jintefqu għal infrastruttura kulturali ġdida li għandha tintuża fil-qafas tas-sena tat-titlu.

## b) Struttura organizzazzjonali

- X'tip ta' struttura ta' governanza u twassil hija prevista għall-implimentazzjoni tas-sena tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura?

- Kif se tkun organizzata din l-istruttura fil-livell maniġerjali? Jekk jogħġbok agħmel ċar min se tkun il-persuna(i) li jkollha r-responsabbiltà finali għat-tmexxija globali tal-proġett?

- Kif se jiġi żgurat li din l-istruttura jkollha l-persunal bil-ħiliet u l-esperjenza xierqa biex tippjana, tmexxi u twassal il-programm kulturali għall-proġett tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura?

  Dawn iż-żewġ mistoqsijiet ta' hawn fuq jistgħu jiġu mwieġba billi jiġu mehmuża b'mod partikolari dijagrammi, l-istatuti tal-organizzazzjoni, in-numri tal-persunal tagħha u l-curricula vitae ta' dawk primarjament responsabbli.

- Kif se jiġi żgurat li jkun hemm kooperazzjoni xierqa bejn l-awtoritajiet lokali u din l-istruttura inkluż it-tim artistiku?

- Skont liema kriterji u taħt liema arranġamenti intgħażlu d-direttur ġenerali u d-direttur artistiku – jew se jintgħażlu? X'inhuma – jew x'se jkunu – il-profili rispettivi tagħhom? Meta se jieħdu l-ħatra? X'se jkunu l-oqsma ta' azzjoni rispettivi tagħhom?

**<u>c) Ippjanar ta' kontinġenza</u>**

- Sar/ġie ppjanajt eżerċizzju ta' valutazzjoni tar-riskju?

- X'inhuma l-miżuri ta' mitigazzjoni ppjanati?

**<u>d) Kummerċjalizzazzjoni u komunikazzjoni</u>**

- Jista' l-programm artistiku jinġabar fi slogan?

- X'inhi l-istrateġija ta' kummerċjalizzazzjoni u komunikazzjoni maħsuba tal-belt għas-sena tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura, b'mod partikolari fir-rigward tal-istrateġija tal-midja u l-mobilizzazzjoni ta' udjenzi kbar? Dan jinkludi l-użu ta' kanali ta' komunikazzjoni diġitali.

- Jekk jogħġbok iddeskrivi s-sħubijiet ippjanati jew stabbiliti mal-midja bil-ħsieb li tiġi żgurata kopertura wiesgħa tal-avveniment

- Kif se jiġu mmobilizzati ċ-ċittadini bħala komunikaturi tas-sena għad-dinja ta' barra?

- Il-belt kif qed tippjana li tenfasizza li l-Kapitali Ewropea tal-Kultura hija azzjoni tal-Unjoni Ewropea?

## 6. Kapaċità għat-twettiq

- Jekk jogħġbok ipprovdi evidenza tal-appoġġ politiku kontinwu u l-impenn mill-awtoritajiet rilevanti.

- Jekk jogħġbok iddettalja l-istat attwali tal-proġetti infrastrutturali previsti ddettaljati fl-istadju ta' qabel l-għażla, inkluż l-iskeda ta' żmien ippjanata għax-xogħlijiet. Jekk jogħġbok iċċara r-rabtiet mal-proġett tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura.

## 7. Tagħrif addizzjonali

- Żid kwalunkwe informazzjoni ulterjuri li tqis utli fir-rigward tal-applikazzjoni tiegħek.

## ANNESS 2

## DIKJARAZZJONI FUQ L-UNUR MILL-BELT APPLIKANTI

Is-sottoskritt [*daħħal l-isem tal-firmatarju ta' din il-formola]*:

li qed jirrappreżenta lill-persuna ġuridika li ġejja:

isem uffiċjali sħiħ:

forma legali uffiċjali:

indirizz uffiċjali sħiħ:

numru ta' reġistrazzjoni tal-VAT:

- jiċċertifika li l-belt applikanti mhix f'waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin li teskludiha milli tirċievi premjijiet tal-Unjoni:

a) falluta jew qed tingħalaq, qed ikollha l-affarijiet tagħha amministrati mill-qrati, daħlet f'arranġament mal-kredituri, issospendiet l-attivitajiet ta' negozju, hija s-suġġett ta' proċeduri dwar dawk il-kwistjonijiet, jew tinsab f'xi sitwazzjoni analoga li tirriżulta minn proċedura simili sakemm għal fil-leġiżlazzjoni jew regolamenti nazzjonali;

b) tinstab ħatja ta' reat li jikkonċerna kondotta professjonali b'sentenza ta' awtorità kompetenti ta' Stat Membru li għandha s-saħħa *res judicata*;

c) kienet ħatja ta' kondotta professjonali ħażina gravi ppruvata bi kwalunkwe mezz li l-Kummissjoni tista' tiġġustifika inkluż b'deċiżjonijiet tal-Bank Ewropew tal-Investiment u organizzazzjonijiet internazzjonali;

d) ma hijiex konformi mal-obbligi kollha tagħha relatati mal-ħlas tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u l-ħlas tat-taxxi skond id-dispożizzjonijiet legali tal-pajjiż fejn hija stabbilita, ma' dawk tal-pajjiż tal-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni responsabbli u dawk tal-pajjiż; pajjiż fejn l-azzjoni għandha tiġi implimentata;

e) kienet is-suġġett ta' sentenza li għandha s-saħħa *res judicata* għal frodi, korruzzjoni, involviment f'organizzazzjoni kriminali, ħasil tal-flus jew kwalunkwe attività illegali oħra, fejn tali attività tkun ta' detriment għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni;

f) hija suġġetta għal penali amministrattiva talli hija ħatja li rrappreżentat ħażin l-informazzjoni meħtieġa bħala kundizzjoni ta' parteċipazzjoni fi proċedura ta' akkwist jew proċedura oħra ta' għoti ta' għotja jew li naqset milli tipprovdi din l-informazzjoni, jew li tkun ġiet iddikjarata li qed tikser b'mod serju l-obbligi tagħha taħt kuntratti jew ftehimiet koperti mill-baġit tal-Unjoni.

- jiddikjara li l-belt applikanti:

g) ma għandha l-ebda kunflitt ta' interess b'rabta mal-premju; jista' jinqala' kunflitt ta' interess b'mod partikolari bħala riżultat ta' interessi ekonomiċi, affinità politika jew nazzjonali, familja, ħajja emozzjonali jew kwalunkwe interess ieħor kondiviż;

h) se tinforma lill-Kummissjoni, mingħajr dewmien, bi kwalunkwe sitwazzjoni meqjusa bħala kunflitt ta' interessi jew li tista' tagħti lok għal kunflitt ta' interess;

i) ma tatx u mhux se tagħti, ma fittxetx u mhux se tfittex, ma pprovatx u mhux se tipprova tikseb, u ma aċċettatx u mhux se taċċetta l-ebda vantaġġ, finanzjarju jew in natura, lil jew mingħand xi parti tkun xi tkun, fejn tali vantaġġ jikkostitwixxi prattika illegali jew jinvolvi korruzzjoni, jew direttament jew indirettament, safejn huwa inċentiv jew premju relatat mal-għoti tal-premju;

j) ipprovdiet informazzjoni preċiża, sinċiera u kompleta fil-kuntest ta' din il-proċedura ta' għoti tal-premjijiet.

- Niddikjara li l-belt applikanti hija kompletament eliġibbli skont il-kriterji stabbiliti fis-sejħa speċifika għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet.

- Nirrikonoxxi li skont l-Artikolu 131 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni ("ir-Regolament Finanzjarju"), kif emendat u l-Artikolu 145 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni ("ir-Regoli ta' Applikazzjoni") kif emendat, applikanti misjuba ħatja ta' rappreżentazzjoni ħażina jistgħu jkunu suġġetti għal penali amministrattivi u finanzjarji taħt ċerti kundizzjonijiet.

Jekk magħżula biex tingħata premju, il-belt applikanti taċċetta l-kundizzjonijiet kif stipulati fis-sejħa għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet.

Kunjom, isem:

Titlu jew pożizzjoni fil-belt:

Firma [u timbru uffiċjali] tal-applikant:

Data:

It-tweġiba tiegħek għas-sejħa għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet se tinvolvi r-reġistrazzjoni u l-ipproċessar ta' *data* personali (bħal ismek, l-indirizz u s-CV), li se jiġu pproċessati skont ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE. Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor, it-tweġibiet tiegħek għall-mistoqsijiet f'din il-formola u kwalunkwe *data* personali mitluba huma meħtieġa biex tiġi vvalutata l-applikazzjoni tiegħek skont l-ispeċifikazzjonijiet tas-sejħa għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet u se jiġu pproċessati biss għal dak il-għan mill-Kontrollur tad-*Data*: il-Kap Eżekuttiv, l-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta. Dettalji dwar l-ipproċessar tad-*data* personali tiegħek huma disponibbli fuq id-dikjarazzjoni tal-privatezza fil-paġna: https://commission.europa.eu/about-european-commission/departments-and-executive-agencies/data-protection-officer_en?prefLang=mt.

Id-*data* personali tiegħek tista' tiġi rreġistrata fis-Sistema ta' Identifikazzjoni Bikrija u ta' Esklużjoni (EDES) mill-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni, jekk tkun f'waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmija f':

- Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni ("Ir-Regolament Finanzjarju"), kif emendat mir-Regolament (UE, Euratom) 2015/1929 (għal aktar informazzjoni ara d-Dikjarazzjoni tal-Privatezza fuq https://commission.europa.eu/funding-tenders/procedures-guidelines-tenders/information-contractors-and-beneficiaries/forms-contracts_mt), jew

- Ir-Regolament tal-Kummissjoni Nru 1302/2008 tas-17 ta' Diċembru 2008 dwar id-dejtabejż ċentrali tal-esklużjoni (għal aktar informazzjoni ara d-Dikjarazzjoni ta' Privatezza fuq https://commission.europa.eu/strategy-and-policy/eu-budget/protection-eu-budget_mt )